

**Brussell, 16 ta' Marzu 2021
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0211(COD)**

**5330/1/21
REV 1 ADD 1**

**GAF 6
FIN 36
UD 8
AGRI 11
ENFOCUSTOM 11
JAI 35
ENFOPOL 14
EPPO 4
CADREFIN 20
CODEC 46
PARLNAT 57**

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jstabbilixxi l-Programm tal-Unjoni Kontra l-Frodi u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 250/2014

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Marzu 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-30 ta' Meju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Programm tal-UE Kontra l-Frodi (il-Programm)¹.
2. Fit-12 ta' Frar 2019, il-Plenarja tal-Parlament Ewropew adottat riżoluzzjoni leġislattiva għal pożizzjoni fl-ewwel qari².
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi eżamina l-proposta tal-Kummissjoni f'diversi laqgħat bejn Ġunju u Diċembru 2018. Fit-12 ta' Diċembru 2018, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti adotta mandat parzjali biex jinbdew negozjati mal-Parlament Ewropew, minħabba xi dispożizzjonijiet orizzontali relatati man-negozjati li kienu għaddejjin dak iż-żmien dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)³.
4. Saru diversi laqgħat tekniċi bejn April u Novembru 2020. Għadd kbir ta' kwistjonijiet ġew solvuti b'kompromessi miż-żewġ naħat matul dawk il-laqgħat.

¹ Dok. 9539/18 + ADD 1 + ADD 2 (COM(2018) 386 final + ANNESS + SWD(2018) 281 final).

² Dok. 6207/19.

³ Dok. 15467/18.

5. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi ġew ikkonsultati dwar it-test wara li ntlaħaq il-qbil politiku dwar il-QFP fl-10 ta' Novembru 2020. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, li kkonfermat il-mandat tal-Presidenza, fit-8 ta' Diċembru 2020 il-Presidenza ospitat trilogu permezz ta' vidjokonferenza, li fih intlaħaq qbil proviżorju, soġġett għal rieżami mill-ġuristi-lingwisti.
6. Fit-18 ta' Diċembru 2020, il-qbil proviżorju ġie ppreżentat u diskuss fil-vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi, li ma kellhom l-ebda oġġezzjoni għat-test tal-ftehim.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess finali fit-8 ta' Jannar 2021⁴.
8. Dak it-test ġie ppreżentat għall-vot ta' konferenza mill-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) fil-11 ta' Jannar 2021. Fl-istess jum, il-President tal-CONT iffirmit ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (2) fejn iddikjarat li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment il-pożizzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew fil-forma kif tinsab fl-anness għal dik l-ittra, hija ser tirrakkomanda lill-plenarja tal-Parlament Ewropew li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emenda, soġġett għal verifika mill-ġuristi-lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew.

II. OBJETTIV

9. Il-programm għandu l-għan li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali u irregolaritajiet oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji u l-baġit tal-Unjoni, kif ukoll li jiffinanzja taħriġ immirat u l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar Prattika bejn l-infurzaturi kontra l-frodi fl-Ewropa kollha. Ser jipprovdi wkoll appoġġ għal attivitajiet investigattivi permezz tax-xiri ta' tagħmir tekniku użat fid-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-frodi, kif ukoll jiffaċilita l-aċċess għal sistemi ta' informazzjoni siguri.

⁴ Dok. 14259/20 + ADD1.

Il-programm il-ġdid ser jieħu post il-Programm attwali Hercule III, u ser jiġi ġestit u implimentat mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

10. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-ġhan li jiġi konkluż qbil fl-istadju tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ("ftehim bikri fit-tieni qari").
11. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti l-kompromess ġust milħuq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitat mill-Kummissjoni.

Il-ftehim jiffoka fuq:

- bilanċ bejn id-dispożizzjonijiet proċedurali u d-daqs limitat tal-Programm. B'mod partikolari, il-programm ta' ħidma jiġi adottat permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr proċedura ta' kumitat (*Artikolu 11*) u l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jiżviluppaw qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Programm u li jemendaw l-anness għar-Regolament li jinkludi lista ta' indikaturi ta' monitoraġġ (*Artikolu 12*);
- rekwiżit biex il-Kummissjoni tirrapporta b'mod annwali dwar il-prestazzjoni tal-Programm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-qafas tar-rapport dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tiegħu kont debitu tar-rakkomandazzjonijiet mill-Parlament Ewropew espressi f'dan il-kuntest (*Artikolu 12*);

- tqassim indikattiv tal-pakkett finanzjarju bejn tliet komponenti tal-Programm, u limitu massimu ta' 2 % għan-nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva fl-implimentazzjoni tal-programm (*Artikolu 3*);
- lista mhux eżawrjenti ta' azzjonijiet eliġibbli għal għotjiet (*Artikolu 9*) u rati massimi ta' kofinanzjament għal għotjiet stabbiliti għal 80 % tal-ispejjeż eliġibbli, li, f'każijiet eċċezzjonali, jistgħu jiżdedu sa massimu ta' 90 % tal-ispejjeż eliġibbli (*Artikolu 8*);
- impenn mill-Kummissjoni biex tiżgura l-indipendenza u l-oġġettività meta twettaq l-evalwazzjonijiet (*Artikolu 13*);
- dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni retroattiva tal-Programm mill-1 ta' Jannar 2021 biex tkun permessa l-kontinwità tal-attivitajiet ifffinanzjati mill-Programm (*Artikoli 18 u 19*);
- minbarra d-dispożizzjonijiet standard dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, premessa li tintroduċi l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi li għandhom ftehim ta' assoċjazzjoni fis-seħħ mal-Unjoni, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' kooperazzjoni relatata mad-dwana u permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki (*Premessa 20*);
- premessa li tintroduċi l-mira klimatika minkejja l-baġit limitat u l-fokus speċifiku tal-Programm (*Premessa 33*).

IV. KONKLUŻJONI

12. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tirrappreżenta bilanċ tajjeb u li, ladarba jiġi adottat, ir-Regolament il-ġdid ser jissodisfa l-oġġettivi ta' appoġġ għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji, ir-rappurtar dwar l-irregolaritajiet u l-għoti ta' assistenza amministrattiva reċiproka u kooperazzjoni f'materji doganali u agrikoli.